**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**John Portelli ta' 27 sena iben Michael**
**u Mary xebba Meilaq li joqghod,**
**38, Triq Grunju, Nadur, Ghawdex.**
**I.D. card no. 18273A**

Illum 21 ta' Marzu, 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fil-10 ta' Lulju 2000 ghall-habta tas-7.30a.m. waqt li kien fi Triq San Leonardu, Rabat, Ghawdex, (1) saq vettura nru. IAZ 181 b' velocita eccessiva u b'manjiera perikoluza, (2) b'negligenza, b'imprudenza u bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku habat ma vettura IBB 031 u kkaguna hsarat ghad-dannu ta' Anthony Mercieca, ikkaguna hsarat fuq il-vettura nru. IAZ 181 ghad-dannu ta' 'Top Serv' Ltd. (3) aktar talli kkaguna hsarat fuq il-hajt ta' barra ta' Villa Meridiana, fi Triq San Leonardu, Rabat, Ghawdex, ghad-dannu ta' Sammy Rapa.

Semghet il-provi;

Semghet ir-rinunzja tal-kwerelant kwantu t-tieni akkuza;

Ikkunsidrat illi ghall-istess motivi kif moghtija fil-kawza l-Pulizija vs Francis Xuereb deciza illum stess u a skans ta' ripetizzjoni, ssib lill-imputat hati tal-ewwel u tat-tielet akkuzi.

Tiddikjara l-procediment ezawrit kwantu t-tieni akkuza.

Wara li rat l-artikoli 15(1) tal-Kap 65 u 328 (d) tal-Kap 9.

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mitt lira Maltin (Lm100).

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur